**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla n-nota tal-15 ta' Frar 2007, prot. RELEX.K7/PL/dg D(2007)502497;

— tannulla d-deċiżjoni, li sadanittant ittieħdet, ta' ċaħda minn naħa tal-konvenuta tat-talba tas-27 ta' Jannar 2007, imressqa mir-rikorrent quddiem l-awtorità tal-ħatra;

— tannulla, safejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni, kif ifformulata, ta' ċaħda ta' l-ilment tar-rikorrent quddiem l-awtorità tal-ħatra;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa lir-rikorrent għad-dannu li rriżulta mill-atti li ntalab l-annullament tagħhom, għas-somma ta' EUR 1 000 jew dik is-somma akbar jew anqas li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jidhirlu li hija ġusta u ekwa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2008 — Brune vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-5/08)**

(2008/C 64/113)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Markus Brune (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: H. Mannes, Rechtsanwalt)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Is-suġġett u d-deskrizzjoni tal-kawża**

Tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva għall-kompetizzjoni EPSO AD/26/05 minħabba li ma kisibx biżżejjed punti.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta ta' l-10 ta' Mejju 2007 u d-deċiżjoni mogħtija fir-rigward ta' l-ilment tat-2 ta' Ottubru 2007, u tiddikjara l-invalidità tal-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO AD/26/05;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta ta' l-10 ta' Mejju 2007 u d-deċiżjoni mogħtija fir-rigward ta' l-ilment tat-2 ta' Ottubru 2007 u tordna lill-konvenuta tinkludi lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO AD/26/05;

— b'mod iktar sussidjarju, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta ta' l-10 ta' Mejju 2007 u d-deċiżjoni mogħtija fir-rigward ta' l-ilment tat-2 ta' Ottubru 2007, tordna lill-konvenuta tistabbilixxi data ġdida għall-eżami orali tar-rikorrent billi tara li jingħata żmien xieraq għat-tħejjija, u tevalwa l-possibbiltà li jiġi inkluż fil-lista ta' riżerva fuq il-bażi ta' kriterji xierqa ta' evalwazzjoni;

— tordna lill-konvenuta tagħti motivazzjoni għad-deċiżjoni ta' l-10 ta' Mejju 2007 u tagħti aċċess għall-minuti ta' l-evalwazzjoni ta' l-eżami orali tas-6 ta' Marzu 2007;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż;

— sussidjarjament, tagħti deċiżjoni in kontumaċja.

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2008 — M. Peter Schönberger vs Il-Parlament Ewropew

**(Kawża F-7/08)**

(2008/C 64/114)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* M. Peter Schönberger (il-Lussemburgu, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma jagħtix lir-rikorrenti it-tielet punt ta' mertu fil-kuntest tar-rapport tiegħu għas-sena 2003.